MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 166/2007

**Hydrolectric Limited - C9039**

**Vs**

**Global International Supplies Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta' Frar 2007 li permezz tieghu s-socjeta` attrici ppremettiet illi dik konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas s-somma ta' hames mija u sitta u tletin Liri Maltin u disa` u erbghin centezmu (LM536.49), rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsejata lis-socjeta` konvenuta mis-socjeta` attrici, kopja statement DOK A. Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa hi ngunta ghas-subizzjoni.

Ra illi fis-seduta tat-12 ta' April 2007 id-difensuri tal-partijiet talbu differiment minghajr pregudizzju ghall-presentata ta' r-risposta peress illi kien hemm il-possibbilita` ta' transazzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta pprezentata fit-3 ta' Lulju 2007 fejn gie preliminarjament ecceppit il-preskrizzoni ai termini ta l-Artikolu 2148(a) u (b) tal-Kap 16 u illi fil-mertu u bla pregudizzju l-ogetti mibjugha is-socjeta` attrici ma kienux tal-kwalita` pattwita, salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra n-nota ta' riduzzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici sabiex l-ammont riklamat issa kien jaqra erba` mija u sitta u tletin Liri Maltin u disa` u erbghin cenrtezmu (LM436.49).

Sema' x-xhieda ta' Etienne Bonello DuPius fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2007.

Ra n-nota tas-socjeta` konvenuta tal-25 ta' Jannar 2008 li permezz taghha kienet qed tammetti t-talba maghmula kontra taghha u li ma xtaqtx jikkontestha.

Ikkunsidra :

Illi fuq l-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta maghmula b'mota fil-25 ta' Jannar 2008, dan it-Tribunal sejjer ighaddi sabiex jilqa` t-talba attrici kif ridotta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jaqta` u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet maghmula mis-socjeta` konvenuta u fuq l-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta maghmula fi stadju ulterjuri tal-kawza, jikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lil dik attrici s-somma ta' elf u sittax il-Euro u hamsa u sebghin Euro centezmu (€1016.75), ekwivalenti ghal erba` mija u sitta u tletin Liri Maltin u disa` u erbghin cenrtezmu (LM436.49), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------